**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 175**

It-Tlieta, 21 ta' Novembru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fit-8.30 a.m.

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo u s-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Alex Muscat u l-Onor. Amanda Spiteri Grech kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Davina Sammut Hili kienet imsiefra fuq xogħol tal-partit.

L-Onor. Abigail Camilleri kienet skużata.

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur l-Onor. Julia Farrugia Portelli, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Chris Agius, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, l-Onor. Ivan Bartolo, l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Graham Bencini, l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Rosianne Cutajar, l-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Katya De Giovanni, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Chris Said, l-Onor. Ian Vassallo, l-Onor. Stanley Zammit u l-Onor. Romilda Zarb kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 174 li saret fl-20 ta' Novembru 2023 kienu kkonfermati.

**MISTOQSIJIET**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, din is-seduta kienet mingħajr mistoqsijiet.

**KUMITATI PERMANENTI**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Naomi

Cachia u l-Onor. Omar Farrugia se jissostitwixxu lill-Onor. Andy Ellul u lill-Onor. Alex Muscat rispettivament.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA – L-GĦAXAR SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, ippreseda.

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET**

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 22 - MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €59,890,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 22 - Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 23 - KUMMERĊ**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €2,026,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 23 – Kummerċ, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT X - MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €63,030,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot X - Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fit-8.35 a.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Ivan J. Bartolo ressaq din l-Emenda:

**VOT 22 - MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET**

***Personal Emoluments***

***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€105,985" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€105,982".

*Delete the figure "€105,985" and substitute therefor the figure "€105,982".*

Fl-9.57 a.m. intemmu l-interventi min-naħa tal-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Bernice Bonello u għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Ray Abela u l-Onor. Silvio Schembri għan-naħa tal-Gvern.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Ivan Castillo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2601 Korrispondenza minn Grimaldi Euromed dwar l-Emissions Trading Scheme tal-Unjoni Ewropea datata 20 ta' Novembru 2023.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Omar Farrugia, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2602 Dokument bl-isem 'The UK's points-based immigration system: an introduction for employers' datat 25 ta' Frar 2022;

P.L. 2603 Artiklu bl-isem 'Flussi 2023 – 2025, pubblicato il decreto da 450 mila ingressi' datat 4 ta' Ottubru 2023; u

P.L. 2604 Mistoqsija Parlamentari 8747 tal-Erbatax-il Leġiżlatura dwar 'Ħaddiema Barranin – tul ta' żmien u paga' magħmula mill-Onor. Rebekah Borg u mwieġba mill-Onor. Clyde Caruana, Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol f'Seduta 124 tat-22 ta' Mejju 2023.

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2605 Abstract of Capital Expenditure Projections, estratt mill-Financial Estimates (Draft) 2024; u

P.L. 2606 Dokument bl-isem 'Digital Decade Country Report 2023 – Malta', maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea.

Fil-11.24 a.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol jiġi estiż bi 15-il minuta.

Fil-11.40 a.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023 il-Kamra għaddiet għax-xogħol tal-Gvern li kien jidher fuq l-aġenda.

**ABBOZZ TA' LIĠI DWAR L-AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI – ABBOZZ NRU 69**

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani.

L-Onor. Omar Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "ATT sabiex jipprovdi dwar l-istabbiliment ta' Awtorità magħrufa bħala l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani u għall-eżerċizzju ta' dik l-Awtorità tal-funzjonijiet regolatorji rigward l-istabbiliment tal-istandards għal servizzi residenzjali, kwalunkwe faċilità oħra ġerjatrika u kwalunkwe servizz ieħor ta' natura ġerjatriku; kif ukoll sabiex tirregola s-setgħat, obbligi u riżorsi finanzjarji tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani mwaqqfa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; biex jirregola l-fornituri tas-servizzi u jistabbilixxi standards regolatorji għal servizzi differenti provduti lill-persuni anzjani minn aġenziji jew entitajiet pubbliċi jew privati u kwalunkwe entità jew persuna oħra; biex jistabbilixxi proċeduri għall-investigazzjoni tal-ilmenti kontra fornituri tas-servizzi u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet dwar is-setgħat kollha bħal dawn li jistgħu jkunu meħtieġa biex l-Awtorità taqdi l-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att" inqara t-tielet darba u għadda.

**AĠĠORNAMENT**

Fil-11.43 a.m., il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 21 ta' Novembru 2023 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**Il-Ħdax-il Seduta Stabbilita - Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli**

Vot 21 - Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli
Vot IX - Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli - Kapital

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Il-Ministru Silvio Schembri informa wkoll lill-Kamra li f'din is-seduta, mistoqsijiet parlamentari setgħu jsiru bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m. u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fil-11.44 a.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**